MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 570/2013

**Go plc**
**C 22334**
**Vs**
**Azzopardi Jean Paul**
**ID No. 345193M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin ewro (€487) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40183041* moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tmenin ewro (€487) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------